MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 1616/2010

**Godfrey Burrows u Tania Burrows**
**Vs**
**Frankie Frendo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi ppremettew illi l-intimat ghandu jkun ikkundannat li jhallas is-somma ta’ tliet elef u hames mitt ewro (€3500) rapprezentanti oggetti u kontanti propjeta’ tal-esponenti bhala l-eredi t’ ommhom Philomena Burrows u liema qieghdin fil-pussess tieghu u liema qed jirrifjuta li jikkonsenja lilhom minkejja li huwa gie kemm-il darba interpellat jaghmel dan; l-indikazzjoni ta’ dan l-ammont huma a bazi ta’ dak li nstab fil-pussess tal-intimat; bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi ghandu jinghad li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti ghandhom jigu rispinti bl-

ispejjez. Illi in effetti l-unika effetti li kien hemm bejn l-esponenti u omm ir-rikorrenti Filomena Burrows kienu xi ghamara li il-valur taghhom ma tecedix 150 liema ghamara l-istess rikorrenti huma liberi li jiehdu salv eccezzjonij ulterjuri.

It-Tribunal ra l-affidavit ta' Godfrey Burrows, Tania Burrows u Frankie Frendo.
Sema' x-xhieda tal-istess atturi in kontro -ezami, **Ray Micallef,** li ghandu hanut ta' *househould appliances,* u **Alfie Agius,** sid ta' hanut tad-deheb, **George Cremona,** rapprezentant tad-Direttur tas-Servizzi Socjali, u Christian Borg.

Din it-talba hija ghar-rimbors ta' sehem mill-wirt tat-tfal ta' Philomena Burrows li kienet il-*partner* tal-konvenut u omm l-atturi.

Irrizulta li Frankie Frendo u Philomena Burrows kienu jghixu flimkien fid-dar taghha ossia 108, Flat 5, St. Dominci Street Valletta[1]. Philomena Burrows mardet b'tumor f'rasha u mietet wara hames xhur.

Skont ix-xhieda ta' Godfey Burrows u Tania Burrows, li huma t-tfal taghha u li wara li mietet ma wirtu xejn ghaliex sabu li l-konvenut Frendo kien biddel is-serratura u ma hallihomx jidhlu fid-dar t'ommhom. Dan il-fatt ma giex kontestat.
Irrizulta illi kemm Frankie Frendo u Philomena Burrows ma kienux jahdmu u kienu jghixu fuq benefficji socjali[2].

Il-konvenut iddikjara li hu kien ha hsiebha fil-marda taghha u anke l-funeral[3] kien hallas is-somma ta' elfejn erba' mija disgha u ghoxrin ewro u tmien centezmi (€2,429.08) ghall-funeral. Illi l-affarijiet imsemmija fl-affidavit tieghu huwa lest li jaghtihom lill-atturi. Frankie Frendo pprezenta Dok FF5 li juri li hi kellha dejn mal-bank.

---

[1] Ara xhieda ta' G. Cremona, a folio 63 et seq.

[3] Kopja esebita FF1, FF2, u FF3, a folio 29.

**Tanya Burrows** fix-xhieda taghha ddikjarat li kienet izzur lil ommha u din kienet turiha l-affarijiet li xtrat. Hi ddikjarat illi kellha fil-pusses taghha il-*cashlink* t'ommha u ta' kull xahar kienet tigbdilha l-flus u taghtihom lil Frendo. Hi ddikjarat li ma hadet xejn t'ommha. L-atturi pprezentaw lista ta' affarijiet li kellha ommhom u li minnhom ma hadu xejn. Il-partijiet ipprezentaw lista t'affarijiet li kienu (skont huma) l-proprjeta' ta' Filomena[4]. Dawn kienu jikkonsistu f'appliances, fajjenza u deheb. Illi, pero' meta mietet ommhom, Frendo ma kienx tahom xejn.

Gie esebit mandat ta' qbid fuq il-proprjeta' li kien fadal fid-dar ta' Philomena Burrows meta fl-ahhar dahlu d-dar.

Gie esebit ukoll ritratt, a folio 83 tal-process, li jindika li l-mejta Philomena Burrows kellha gizirana tad-deheb, erba' crieket, brazuletta w imsielet.

**Konsiderazzjonijiet:**
Illi huwa principju legali assodat fil-gurisprudenza nostrana li min jallega jrid jipprova '*onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat'.* Ara, *Aquilina vs V. Vella*, deċiza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-2 ta' Mejju 1995 u s-sentenza fil-kawza *Lenicker vs Camilleri* deciza mill-Qorti Civili Prim' Awla fil-31 ta' Mejju 1972.

Dan il-principju jirrifletti ukoll l-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili ossia:

*Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*

*Illi ghalhekk l-atturi fir-rigward tat-talba taghhom kellhom jressqu prova illli :*

*1. fl-ewwel lok huma l-eredi ta Filomena Burrows u*

*2. fit-tieni lok kien hemm oggetti u kontanti li kienu propjeta tad-defunta Filomena Burrows li ha il-konvenut a skapitu tal-eredita taghhom.*

---

[4] Ara document, a folio 28 u folio 19.

L-atturi naqsu milli jressqu prova illi huma l-eredi tad-defunta permezz tas-soliti ricerki testamentarji. Ebda Qorti jew Tribunal ma jista' jaqbad u jiddeciedi u jiddispensa minn proprjeta' wara l-mewt ta' persuna minghajr ma jistablixxi b'certezza mid-dokumenti apositi min huma l-werrieta;

Rigward il-prova li l-oggetti ndikati kienu proprjeta jew inxtraw mid-defunta – dan ukoll ma giex sodisfacentiment ippruvat minn mezzi solitament uzati ghall-kawzi simili. Ma tressqux ircevuti u lanqas ma tressqu xi xhieda konvincenti li setghu jaghtu evidenza li l-oggetti kienu proprjeta tad-defunta.

Il-konvenut fil-proceduri accetta illi kien hemm certu mobbli li kienu ta' Philomena Burrows (ossia *cooker, freezer* u *fridge* kbir*, heater* tal-gas, magna tal-hjata, *washing machine* u *twin tub*, zewg *dvd players* u dvd, *stereo, satellite* u *cassettes*, borom u frieket, sett tal-kamra tas-sodda, platti, skieken, xugamani, pupi, ritatti, zewg fannijiet, lozor). Illi llum minhabba il-medda taz-zmien dawn ghandhom valur pjuttost zghir u li lanqas jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal biex jirrilaxxhom lill-atturi.

Illi t-Tribunal ghandu l-poter biss jaqta' u jiddeciedi dwar *money claims*. Illi fil-lista fuq indikata m'hemmx la valur u lanqas huma mezz biex it-Tribunal jasal biex jaghti valur. It-Tribunal jinnota illi, ma tressaq l-ebda dokument jew ircevuta jew valutazzjoni in sostenn tat-talbiet attrici sabiex tghin lit-Tribunal.

Ghaldaqstant it-Tribunal m'ghandux ghazla hlief li jikkonsidera illi l-atturi ma gabux il-provi necessarji in sostenn tat-talba taghhom. F'kull kaz semmai l-atturi kellhom id-dritt, jekk inhuma l-eredi tad-defunta Burrows, jitolbu r-ritorn tal-oggetti li allegaw jispettaw lilhom mhux ammont ta' flus.

**DECIZJONI**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jichad t-talba tal-atturi. Bl-ispejjeż.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------